# X’SE ĠĠIB INT FUQ IL-MEJDA TAŻ-ŻWIEĠ?

Minn George Ebejer

# X'SE ĠĠIB INT FUQ IL-MEJDA TAŻ-ŻWIEĠ?

L-aktar żewġ ġranet importanti fil-ħajja ta' persuna fuq l-art huma l-jum li fih dik il-persuna tiżżewweġ lil Kristu f'ubbidjenza lejn l-Evanġelju (Rumani 7:4) u l-jum li fih dik il-persuna tkun magħquda, jew issir ħaġa waħda ma' persuna oħra tas-sess oppost fi żwieġ qaddis. Dwar dan iż-żwieġ ta' l-aħħar, il-Bibbja tgħid,

> "*Ħalli jkun iż-żwieġ tagħkom miżmum fil-ġieh minn kulħadd u s-sodda taż-żwieġ bla tinġis, għax Alla għad jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri*" (Lhud 13:4).

Ħalli nagħmluha ċara, il-Bibbja QATT ma titkellem dwar żwieġ bejn l-istess sessi. Għal kuntrarju, dan hu kkundannat għal kollox (Rumani 1:26-28; 1 Korintin 6:9-11; Galatin 5:19-21). Billi ż-żwieġ huwa istituzzjoni onorabbli, skond dikjarazzjoni diretta ta' l-ispirazzjoni, allura jagħmel sens tajjeb li tissuġerixxi li din l-istituzzjoni ta' dehen, dawk li jidħlu fiha għandhom jidħlu fiha bil-purità, bl-integrità, u bid-dinjità. Żwieġ tajjeb għandu jkollu qabel namrar nadif. L-indafa li għandna f'moħħna hija ndafa morali u purità jew safa sesswali.

Dan l-istudju se jittratta fil-qosor dwar dik il-purità jew safa morali fin-namur. Għalkemm jista' jkun li xi wħud għadhom lura għal dan, pero l-istudju huwa ta' importanza kbira għalina bħala Kristjani. Ukoll, dawk li għad m'għandhom l-ebda ħsieb dwar iż-żwieġ, naċċertahom li jkun qrib aktar milli huma jaħsbu, li jaqgħu fl-imħabba u jibdew jaħsbu aktar bis-serjetà dwar

dan, jibdew jaħsbu dwar it-twaqqif ta' familja u l-formazzjoni tal-familja tagħhom infushom. Dawn huma intenzjonijiet onorabbli għal kull żagħżugħ u żagħżugħa.

Mistoqsija li persuna f'dan l-istat għandha tagħmel lilha nfisha hija: "Qatt jiena ħsibt dwar x'se nieħu għall-mejda jew l-artal taż-żwieġ? L-attitudni u l-azzjonijiet kurrenti tiegħek fil-kliem u fl-egħmejjel jiffurmaw l-isfond jew l-ingredjenti ta' l-isfond ta' dak li inti tpoġġi fuq il-mejda taż-żwieġ bħala dota. In-numru sebgħa għandu mpatt u tifsira kbira fl-Iskrittura Mqaddsa. Dan kien numru nobbli ta' kompletezza fost il-Lhud kif ukoll fost il-Kristjani. Aħna sejrin naraw seba' doni jew rigali li wieħed jew waħda għandhom iġibu għall-mejda taż-żwieġ. Jekk tnejn ikunu jistgħu jġibu dawn ir-rigali kbar bħala dota definittiva biex jagħtu lil xulxin allura t-tamiet tal-ħajja miż-żewwġa tagħhom tassew ikunu sbieħ għal żwieġ tajjeb u dar ferħana u fil-hena.

## I. IS-SAFA TAL-PERSUNA

Kull persuna li tiġi għall-mejda taż-żwieġ għandha ġġib magħha s-safa tal-persuna. Iż-żagħżugħ Lhudi u qaddis Ġużeppi irrifjuta milli jikkommetti ż-żina f'Ġenesi 39 ma' mara li fittxet biex twaqqgħu f'xibka wisq immorali. Hu irreżista l-passjonijiet setgħana tagħha tal-propożizzjoni makakka tagħha billi qal:

> "*...kif mela jiena nista' nagħmel dan il-ħażen kbir, u nidneb kontra Alla?*" (v. 9).

Il-moralità li Ġużeppi pprattika f'Ġenesi 39 ippermettiet is-safa tal-persuna tiegħu għaż-żwieġ ma' Asenat f'Ġenesi 41:45-50. Dwar dak li għandu x'jaqsam mas-safa, Ġesù qal,

> "*Imberkin huma dawk **ta' qalb safja**: għax huma jaraw lil Alla*" (Mattew 5:8).

L-appostlu Pawlu qal lil Timtoju biex ikun eżempju tas-safa fl-Ewwel Timtoju 4:12. Hu kellu jittratta lin-nisa żagħżagħ bħallikieku ħutu, "*bis-safa kollu*" (ara wkoll 1 Timotju 5:2). Hu kellu josserva dawk it-tliet regoli qawwija li naqraw fl-1 Timotju 5:22 fejn naqraw,

> "*Tkunx ħafif biex tqiegħed idejk fuq dak li jkun; tisseħibx fid-dnubiet ta' ħaddieħor; **żomm ruħek safi**!*"

Fit-Tieni Timotju 2:22 l-appostlu Pawlu wissieh biex ikun magħdud fost dawk li "*jsejħu l-Mulej b'qalb safja.*" Fl-Ewwel Ġwanni 3:3, l-appostlu Ġwanni jħeġġiġ-na biex "*nissaffew bħalma safi huwa Kristu.*"

Il-Mulej Alla tagħna m'għandux qisien doppji. Huwa l-istess importanti għall-ġuvni li jkun safi fil-mejda taż-żwieġ daqs kemm huwa importanti għal tfajla li ġġib ir-rigal tagħha ta' verġnità għal dik l-istess mejda. Jekk le, għaliex le? Wieħed minn żewġ ħsibijiet min-għajr dubju jkunu preżenti fl-ewwel lejl tal-qamar il-għasel tagħhom: L-ewwel ħsieb ikun, "Aħna kuntenti li stennejna." It-tieni ħsieb ikun, "Aħna issa nixtiequ li kieku stennejna." Ċertament li

dan hekk ikun għal dawk li jkollhom xi xorta ta' kuxjenza Kristjana.

## II. MATURITÀ TAL-MOĦĦ

Għandha tinġieb il-maturità tal-moħħ fuq il-mejda taż-żwieġ. Iż-żwieġ huwa għal dawk maturi; mhuwiex għal min mhux matur. Iż-żwieġ huwa istituzzjoni li ssejjaħ lil dawk li huma maturi biex jidħlu fiha. Iż-żwieġ mhuwiex għal subjien żgħar u bniet żgħar. Iż-żwieġ mhuwiex għal dawk li jkunu msaħħra jew imġenna għall-mument ma' xulxin minħabba figura mibnija u sabiħa jew attraenti. Iż-żwieġ huwa għal dawk li waqqfu imħabba matura (xi ħaġa aktar profonda minn attrazzjoni fiżika) għal xulxin matul il-perjodu tan-namur. Il-Bibbja spiss titkellem dwar irġiel u nisa li jiżżewġu. Hija qatt ma titkellem dwar tfal żgħar bħala nies addattati għad-dħul fiż-żwieġ. Sabiex persuna tidħol fiż-żwieġ jeħtieġ li l-ewwel hija timmatura.

## III. PERMANENZA TA' SKOP

Il-koppja għaż-żwieġ għandhom il-permanenza ta' skop għall-mejda taż-żwieġ. Il-Mulej tagħna tkellem ċar ħafna dwar dan fejn qal:

> "*Mela dak li Alla għaqqad m'għandux jifirdu l-bniedem*" (Mattew 19:6).

Dan ifisser lir-raġel m'għandux jifirdu. Dan ifisser li l-mara m'għandix tifirdu. Dan ifisser lit-tnejn li huma għandhom jiffurmaw għaqda soda ta' żwieġ flimkien li l-ebda tielet persuna li tindaħal, kemm minn ta' ġewwa jew minn ta' barra li tipprova tfittex biex tisraq l-affezzjoni jew l-imħabba ta' l-oħra, ma jkunu jistgħu

li jifirdu r-rabta li torbot iż-żewġt iqlub, iż-żewġ ħaj-jiet flimkien. F'Rumani 7:1-3, u fl-1 Korintin 7:39, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' Pawlu, liż-żwieġ huwa għall-ħajja kollha, sal-mewt. Il-mewt hija l-unika triq onorabbli liż-żwieġ jista' jispiċċa permezz tagħha. Jiena naf liż-żina tippermetti lill-parti innoċen-ti biex tibgħat lill-parti ħatja (Mattew 19:3-9). Il-biċċa l-kbira tan-nies ma jemmnux liż-żwieġ huwa għal kemm il-ħajja ddum. Huma ma jipprattikawx iż-żwieġ bħala istituzzjoni li hija permanenti fid-dewmien tagħ-ha. Madankollu, il-Bibbja tgħallem dan eżattament hekk, jiġifieri, lir-rabta taż-żwieġ hija rabta sal-mewt.

## IV. SPIRTU TA' SERVIZZ MHUX EGOISTA

Mingħajr ebda nuqqas, it-tnejn, kemm il-ġuvni u kemm ix-xebba, għandhom iġibu l-ispirtu ta' konsider-azzjoni mhux egoista fuq il-mejda taż-żwieġ. Ir-regola tad-deheb li l-Mulej lissen b'mod elokwenti tgħid:

> "*Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom...*" (Mat-tew 7:12).

Il-filosofija ta' l-appostlu Pawlu "*kunu twajbin ma' xulxin*" li naqraw dwarha f'Efesin 4:32 hija impera-tiva, jiġifieri, assolutament meħtieġa fir-relazzjoni taż-żwieġ. F'dik l-istess stqarrija ġenwina huwa jħeġġeġ il-ħniena għal xulxin kif ukoll il-maħfra lil xulxin. It-twissija ta' l-appostlu Pietru biex iħossu għal xulxin (1 Pietru 3:8) hija mogħtija minnufih wara d-diskussjoni ddettaljata dwar in-nisa u żwieġhom fl-1 Pietru 3:1-7.

Il-kultivazzjoni kustanti tal-kortesija, ġentilezza, hija ħtieġa fiż-żwieġ. Taħsibx biss x'jista' dan iż-żwieġ jagħmel għalik imma mur aktar 'il fuq, għall-post għola ta' devozzjoni mhux egoista u aħseb *x'tista' tagħmel int* għal dan iż-żwieġ. Il-kuntentizza taż-żwieġ tiġi f'li l-partijiet ifittxu l-hena, il-kuntentizza, u s-sodisfazzjon ta' xulxin. Jekk ma jsirx hekk, allura żgur li ma jistax ikun hemm żwieġ hieni.

## V. TON TA' FIDUĊJA

Iż-żewġ partijiet għandhom iġibu bil-mezzi kollha tagħhom fuq il-mejda taż-żwieġ *ton ta' fiduċja*. Il-Kelma ta' Alla tgħid fi Proverbji 31:11-12,

> "*Qalb żewġha tafda fiha, u l-ebda ġid qatt ma jonqsu. ġid, u mhux deni tagħmillu, il-jiem kollha ta' ħajjitha.*"

Dan juri l-ħtieġa intensiva ta' fiduċja sħiħa f'xulxin. Ebda żwieġ ma jista' jgħix fil-kwadru fatali ta' l-għira u nuqqas ta' fiduċja. Predikatur li kien ilu miżżewweġ għal 39 sena darba qal: "Marti ma kellix raġel perfett imma hija kellha raġel *fidil* dawn is-snin kollha." Hekk għandu jkun! Fejn ikun hemm fiduċja sħiħa minn naħa taż-żewġ partijiet, iż-żwieġ żgur li jkun wieħed hieni.

## VI. LEALTÀ TA' IMĦABBA

Ċertament għandha tinġieb fuq il-mejda taż-żwieġ, *lealtà ta' l-imħabba*. Din għandha tkun dik ix-xorta ta' imħabba għolja li Ġesù kellu għall-knisja Tiegħu (Efesin 5:25). Għandha tkun ix-xorta ta' imħabba li

Ġesù kellu għal l-appostli Tiegħu (Ġwanni 13:34-35). Għandha tkun ix-xorta ta' imħabba mfissra fl-1 Korintin13. F'dan il-kapitlu hemm muri l-valur ta' l-imħabba, il-virtù ta' l-imħabba, u l-vittorja ta' l-imħabba. Din għandha tkun dik ix-xorta ta' imħabba li hi "*l-qofol tal-perfezzjoni*" (Kolossin 3:14). Għandha tkun imħabba tixhel, ta' ħeġġa u waħda li mingħajr l-ebda obligu jew ħlas lura tħallas l-obligazzjonijiet li jorbtu tagħha. Il-Mulej jgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu,

> "*Tkunu obligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamen-ti: "La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib" u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb il-proxxmu tie-għek bħalek innifsek." L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi*" (Rumani 13:8-10; 1 Pietru 4:8).

Ma hemm ebda sostitut magħruf għall-imħabba fiż-żwieġ. Mingħajr l-imħabba ż-żwieġ jisfaxxa fix-xejn; biha ż-żwieġ ikun suċċess.

## VII. LOK GĦAL L-ISPIRITWALITÀ

B'kull mezz l-għarajjes friski għandhom iġibu fuq il-mejda taż-żwieġ *lok għal l-ispiritwalità*. Iż-żwieġ mhuwiex arranġament ta' bejn tnejn biss; iż-żwieġ hu

arranġ-ament ta’ bejn tlieta. Iż-żwieġ hu għal dawk li jħobbu lil Alla u lil xulxin. Hemm trijangolu ta’ hena matrimonjali. Alla għandu jkun fil-ponta ta’ fuq tat-trijangolu, ir-raġel fuq angolu ta’ naħa waħda tal-bażi waqt li l-mara fuq l-angolu tan-naħa l-oħra tal-bażi tat-trijangolu. It-tnejn, kemm il-ġuvni u kemm it-tfajla għandhom jgħinu lil xul-xin fit-triq tagħhom lejn is-smewwiet. Huma għandhom jaħsbu f’termini li jġibu rigal spiritwali fuq il-mejda taż-żwieġ tagħhom. Imma jaħasra, kemm huma dawk li jaħ-sbu dwar dan bħala wieħed mill-gwidi biex jgħażlu sieħeb jew sieħba għaż-żwieġ? Ftit ħafna huma dawn. Li ndividwu jkollu jew ikollha fattizzi sbieħ u persuna sabi-ħa dawn mhumiex garanzija li karattru jeżisti taħt il-kisja fiżika. Mingħajr karattru ż-żwieġ jisfaxxa.

## KONKLUŻJ0NI

Dak li Alla qal dwar ir-relazzjonijiet, iż-żwieġ Tiegħu ma’ Iżrael fit-Testment il-Qadim fih xi ħwejjeġ prezzjużi għal l-attitudni u l-azzjonijiet taż-żwieġ bejn irġiel u nisa f’din l-aktar ħaġa intima fir-relazzjonijiet umani. Il-Bibb-ja tgħid f’Ħosegħa 2:19-20,

> “*U ngħarrsek miegħi għal dejjem; iva, ngħarrsek miegħi bil-ħaqq, u bis-sew-wa, bit-tjieba, u l-ħniena. Ngħarrsek miegħi ukoll fil-fedeltà; u tagħraf il-Mulej.*”

Kemm huma sbieħ dawn is-sentimenti sagri. Jalla l-Mulej ibierek liż-żagħżagħ tagħna hekk kif huma jippre-paraw għal dak il-jum sabih ta’ żwieġ meraviljuż u mae-

stuż. Jalla ż-żwieġ ikun rabta ta' ġmiel u jalla dan jifforma stat ta' ġustizzja u jkun imbierek fil-ħaqq. Jalla jkun mibni fuq l-imħabba u t-tjubija u jkun żwieġ ta' ħniena. Jalla t-tnejn li tkunu tiffurmaw il-kwadru kollu ħrara ta' fedeltà. Flimkien, jalla intom tibqgħu tafu lill-Mulej u f'xi jum tgħixu Miegħu għal dejjem ta' dejjem fil-għoli tas-smewwiet.